**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar Tlieta 29 ta' April 2025**

**Rikors nru : 45/2025 AGV fl-ismijiet;**

**DC**

**-vs-**

**JZ**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Rikors ta' DC ;**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma: -**

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007), liema zwieg gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala **Dok. 'A'.**

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena elfejn tnejn u dsatax (2019) u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi, illi kopja legali tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. 'B'**.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi, oltre li huma legalment separati, l-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward hlas ta' manteniment stante illi ai termini tal-klawsola erbgha (4) ta' l-imsemmi kuntratt il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom illi jitolbu manteniment minghand xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponenti qieghda tannetti l-affidavit taghha li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dok. 'C'.**

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex: -

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar 8 ta' Dicembru 2007**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**